**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 21 ta' Marzu, 2018

Rikors Nru : 15/18 AL

**A B**

**Vs.**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

**I.** ILLI l-kontendenti zzewwgu nhar it-23 ta' Mejju 2006 - skond kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv hawn anness u mmarkat bhala **DOK: A** - u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel, u cjoe' Jack, li twieled nhar il-21 t'Awwissu 2012;

**II.** ILLI, permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri tat-22 t'Ottubru 2015 - li kopja legali tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **DOK: B** - il-kontendenti

sseparaw legalment taht il-pattijiet u l-kondizzjonijiet kollha hemm imfissra;

**III.** ILLI l-kontendenti ilhom ma jghixux flimkien sa mill-15 ta' Dicembru 2013 - kif gie dikjarat fi klawsola numru erbgha (4) tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq indikat - u ma jezisti l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni;

**IV.** ILLI l-intimat minn dejjem hallas il-manteniment kollu li kien dovut minnu, skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-istess msemmi kuntratt, b'mod regolari u puntwali, u ghadu sallum ihallas, bl-istess mod, is-somma ta' €180.00 fix-xahar in linea ta' manteniment ghall-bzonnijiet tal-minuri Jack, u ghalhekk ma hemm l-ebda kwistjoni pendenti f'dan ir-rigward bejn il-kontendenti;

**V.** ILLI ghalhekk il-kondizzjonijiet kollha mahsuba fl-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) huma sodisfatti, u in vista tal-fatt illi l-kontendenti huma gja' separati permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

Talbet ghar-ragunijiet fuq imsemmija prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna li l-intimat jghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex :

**I.** TIPPRONUNZJA, a tenur tal-Artikolu 66A tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), il-hall taz-zwieg tat-23 ta' Mejju 2006 ta' bejn il-kontendenti ghal finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;

**II.** TORDNA, a tenur tal-Artikolu 66A (4) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), lir-Registratur tal-Qorti sabiex, f'dak iz-zmien li joghgobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti ghal dan l-iskop, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-kontendenti sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Jannar 2018;

Rat illi l-intimat, debitament notifikat, ma ipprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' Ottubru 2015 u ilhom ma jghixu flimkien mill-15 ta' Dicembru 2013;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.